# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 12 ta' Awwissu 2024

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR MARK CREMONA)**

**VS**

**YASSIN KHARACHI**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Yassin Kharachi** ta' 25 sena, iben Kharachi u Aaisha nee' Hassan, imwieled Sudan, nhar is-17 ta' April 1999, residenti 42 Triq San Pietru Qormi u detentur tal-karta tal-Pulizija bin-numru 20H-084 u akkużat talli nhar it-16 ta' Awwissu 2024, għall-ħabta tas-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija (19:20hrs) ġewwa Triq Balbi, Marsa u/jew fil-vicinanzi:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu 'droga' u/jew 'sustanza psikoattiva gdida' hekk kif definita fl -artikolu 118A (1) tal- Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta w fl-artikolu

120A(2) tal-Kap 31 dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta Malta f'tali cirkustanza li juru li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghek

3. U aktar talli kkommetta dan ir-reat fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 120(A) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta'Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzata jew huma propjeta` taghha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzata milli jittrasferixxi jew xort'ohra tiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini ta' l-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi fil-jiem ta' qabel id-data tal-akkuża, il-Pulizija eżekuttiva rċeviet diversi rapporti li seta kien qed isir traffikar ta' drogi ġewwa Triq Balbi, l-Marsa. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-Pulizija wettqu tfittxija fl-akwati biex jaraw hemmx xi ħaġa suspetta. Minn tfittxijiet li saru fuq il-persuna tal-akkużat, l-uffiċjali tal-Pulizja elevaw minn fuq persunti diversi pakketti kontenenti *cannabis* u droga sintetika kif ukoll ammont konsiderevoli ta' flus. Huma komplew billi għamlu tfittxija fir-residenza tiegħu minn fejn elevaw aktar pakketti u droga sintetika.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li għalkemm l-ammont ta' droga misjuba fuq l-akkużat m'huwiex allarmanti, huwa indikattiv ta' attività ta' traffikar u jimmerita illi l-piena tkun waħda karċerarja effettiva sabiex isservi ta' deterrent kemm għall-akkużat milli jissokta b'din l-attività illeċita kif ukoll għal persuni oħrajn milli jibdew jittraffikaw. Min-naħa l-oħra, tenut kont tal-ammont misjub fil-pussess tal-akkużat, hija l-fehma tal-Qorti li għalkemm il-piena għandha tkun waħda karċerarja effettiva, m'għandhiex tkun waħda lejn il-massimu.

Deċide:

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(d) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 118A(1) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Yassin Kharachi <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettivi.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkużat.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-Droga esebita mill-prosekuzzjoni f'dawn l-atti.

**Ft.Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**